MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1092/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Selmi Noureddine - 15240A**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm89.88c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21251229 liema servizz gie nstallat fil-fond 34, Flat/4, Triq Hookham Frere, Guardamangia.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenut Selmi Noureddine, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm89.88c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------